Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,230, 23 ta' April, 2024
Taqsima B

A.L. 94 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmula mill-Bord tal-Fakultà tal-Inġinerija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija, ippubblikati bħala Avviż Legali 136 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika mill-1 ta' April 2024 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (3) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(4) Minħabba r-rekwiżiti professjonali, l-istudenti ma jistgħux jingħataw aktar minn 15-il krettu b'kumpens fil-programm kollu."